Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 11/2015

**Carin Construction Limited C 12194**
**(appellanti)**

**Vs**

**Cannon Estates Limited C 20751**
**(appellata)**

16 ta' Diċembru, 2019.

1. **Carin Construction Limited appellat mid-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ li ddeċidiet li l-ġranet ta' dewmien li jistgħu jitqiesu ġustifikattivi fit-tlestija tal-appalt li ngħatat mingħand Cannon Estates Limited, ma teċċedix is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf sebagħa mija u sebgħa u għoxrin ewro (€27,727). F'*certificate of payment* datat 3 ta' Frar, 2010 il-perit Paul Borġ iċċertifika li mill-ammont dovut lil Carin kellha tonqos is-somma ta' €259,725 bħala '*evaluation of delay value'*.**

2. Fil-qosor, il-proċeduri żviluppaw kif ser jingħad:-

2.1. Fis-27 ta' Settembru 2011 Carin Construction Limited ippreżentat Avviż ta' Arbitraġġ kontra s-soċjetà appellata fejn stqarret li qegħda tikkontesta '*the evaluation of delay value in the architects' final certificate'* fl-ammont ta' €226,182. Għaldaqstant, talbet li l-appellata tkun ikkundannata tħallasha dik is-somma.

2.2. L-appellata wieġbet illi:

> '*a. The Claimant failed to adhere with the requirements set out in Clause 44.2 of the Contract and has thus forfeited his right to claim for an extension of time;*
> *b. The climatic conditions for which the Claimant is requesting an extension are not 'exceptional' as required in Clause 44.1(c) of the Contract and*

*should have therefore been catered for in the programme of works submitted by the Claimant;*
*c. The methodology of construction was completely left at the discretion of the Claimant who should have catered for such conditions in the methodology of construction;*
*d. The determination of the liquidated damages due by Claimant to Respondent is correct and in accordance with the Contract and should thus be confirmed.'*

2.3. Permezz ta' deċiżjoni tal-arbitraġġ tal-5 ta' Lulju 2013 it-Tribunal tal-Arbitraġġ iddeċieda li:

> *'15. ... l-pretensjoni tas-soċjetà kostruttriċi għandha leġittimament tkun waħda ristrettiva. Dan fis-sens illi l-granet ta' dewmien li jistgħu jitqiesu ġustifikattivi m'għandhomx jeċċedu l-valur ta' Ewro 27,727. Ħlief għal din is-somma l-kontestazzjoni tal-sitess soċjetà dwar il-kumplament tal-ammont konvertit ma għandiex tirċievi favur.*
>
> *16. L-ispejjeż ta' dan l-Arbitraġġ jitbatew skont ir-rebħ u t-telf.'*

2.4. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-23 ta' Awissu 2013 *a tenur* tal-artikoli 48 u 49 tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanti talbet għall-korrezzjoni tal-lod minħabba, *"..... żbalji ta' komputazzjoni u jagħti deċiżjoni addizzjonali dwar it-talbiet magħmula waqt il-proċedimenti arbitrali liema talbiet tħallew barra mid-deċiżjoni u dan dejjem għall-aħjar interess u amministrazzjoni tal-ġustizzja"*. L-ilmenti tal-appellanti mid-deċiżjoni tal-5 ta' Lulju, 2013 huma li:

i. Kien hemm dewmien ġustifikat minħabba riħ forza 7 u 8.
ii. Sar żball matematiku fir-rapport tal-perit Paul Borg u William Soler.
iii. Kien hemm dewmien ġustifikat ta' jumejn minħabba l-elezzjoni ġenerali.
iv. Kien hemm dewmien ġustifikat minħabba xogħol żejjed fil-*critical path*.
v. Kien hemm dewmien ġustifikat minħabba *programming delays* fil-*critical path*.
vi. Kien hemm dewmien ġustifikat minħabba *inclement weather*.

2.5. L-appellata wieġbet illi l-parametri li fuqhom hija bbażata t-talba għal reviżjoni tal-*lodo* arbitrali ma jaqqgħux taħt l-Artikolu 48 u 49 tal-Kap. 387.

2.6. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Marzu 2015, it-Tribunal tal-Arbitraġġ iddeċieda li l-Artikoli 48 u 49 ma japplikawx għat-talba tal-appellanti għall-korrezzjoni tad-deċiżjoni tal-5 ta' Lulju, 2013.

3. Fl-24 ta' Marzu, 2015 l-appellanti appellat minn dak li tirreferi għalih bħala l-'*correctory award ... li tinkludi kemm it-tweġiba tal-arbitri preżentata fl-4 ta' Marzu kif ukoll il-lodo tal-5 ta' Lulju 2013'*.

4. L-appellata wieġbet illi:

- l-appell hu bbażat fuq punti ta' fatt fir-rigward ta' liema mhemmx jedd ta' appell ġialdarba l-aggravji ma jaqgħux taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi previsti mill-Artikolu 70 u lanqas ma jikkwalifikaw bħala punti ta' liġi *ai termini* tal-Artikolu 70A; u

- inoltre u bla preġudizzju, l-Kap. 387 ma jikkontempla l-ebda appell minn digriet mogħti *ai terminii* tal-Artikoli 48 u/jew 49 tal-istess Att.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

5. Il-proċeduri ta' arbitraġġ kienu jikkonċernaw kontestazzjoni da parti tal-appellanti tat-tnaqqis ta' somma flus mill-kont finali li l-perit Paul Borg illikwida bħala *"evaluation of delay value"*. Permezz tal-proċeduri l-appellanti talbet il-ħlas tas-somma ta' €226,182.

6. L-appellanti ilmentat mill-fatt li t-Tribunal tal-Arbitraġġ applika b'mod ħażinl-Artikoli 48 u 49 tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387), liema fatt jaffettwa sostanzjalment id-drittijiet tagħha. Tilmenta li rreferew għall-artikoli 825 u 235 tal-Kap. 12, u taw interpretazzjoni riġida tal-Kap. 387. Issostni li:

> *'a kontrarju ta' dak deċiż fil-lodo finali preżentat fl-4 ta' Marzu 2015 l-arbitri għamlu interpretazzjoni ħażina tal-artikolu 48 u 49 tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress illi kif spjegat ..., fil-lodo tal-15 ta' Lulju 2013 jirriżultaw żbalji ta' komputazzjoni kif ukoll naqsu milli jiddeċiedu fuq punti li ntalbu l-istatement of claim u li ġew elaborati tul il-kors tat-trattazzjoni tal-kawża.*
>
> *Għal dawn il-motivi s-soċjeta esponenti appellanti, filwaqt li tagħmel referenza għall-atti proċesswali preżentati quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ kif ukoll filwaqt illi tirriserva d-dritt li tressaq dawk il-provi kollha lilha permessi mil-liġi, titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji tas-soċjetà esponenti appellanti u konsegwentement tirrevoka, tannulla u tħassar d-deċiżjoni tal-arbitri fl-Arbitraġġ numru 2895/2011 fl-ismijiet Carin Construction Limited C 12194 vs Cannon Estates Limited C 20751 u tilqa' t-talbiet attriċi fl-intier tagħhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà konvenuta appellata.'*

7. L-artikolu 70A tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:-

> *70A. (1) Parti fil-proċedimenti tal-arbitraġġ tista' tappella lill-Qorti tal-Appell **fuq punt ta' liġi** li jitnissel minn deċiżjoni finali magħmula fil-proċedimenti kemm-il darba –*
>
> > *(a) il-partijiet ma eskludewx espressament dan id-dritt tal-appell fil-ftehim tal-arbitraġġ jew mod ieħor bil-miktub; jew*
> >
> > *(b) minkejja kull ħaġa msemmija fil-ftehim tal-arbitraġġ, il-partijiet ma ftiehmux espressament li ma għandhom jingħataw l-ebda raġunijiet fid-deċiżjoni skont l-artikolu 44(3).*
>
> *(2) Meta jiġi ppreżentat appell, ir-rikorrent għandu jinnotifka lill-arbitri u liċ-Ċentru kopja tar-rikors malajr kemm ikun prattikabbli iżda mhux iktar tard min ħmistax-il ġurnata wara l-preżentata tal-appell.*
>
> *(3) Il-Qorti tal-Appell għandha tikkunsidra l-appell biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta –*
>
> > *(a) li d-deċiżjoni dwar il-punt ta' liġi taffettwa sostanzjalment id-drittijiet ta' waħda jew iktar mill-partijiet;*
> >
> > *(b) li l-punt ta' liġi huwa wieħed li t-tribunal kien mitlub jiddeċiedi fuqu jew mod ieħor iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni;*
> >
> > *(ċ) li fuq il-bażi ta' dak li jirriżulta mill-fatti fid-deċiżjoni, id-deċiżjoni tat-tribunal dwar il-punt ta' liġi hija prima facie miftuħa għal dubju serju; u*
> >
> > *(d) li abbażi ta' reviżjoni tar-rikors, kull risposta u d-deċiżjoni, l-appell ma jidhirx li hu dilatorju u vessatorju, u fil-każijiet l-oħra kollha il-Qorti għandha tiċħad l-appell.*

8. L-artikolu 70B tal-Kap. 387 jipprovdi li:

> ***70B. (1) Appell taħt l-artikolu 70A għandu jidentifika l-punt ta' liġi li għandha tittieħed deċiżjoni fuqu u għandu jispeċifika t-tifsira li r-rikorrent jallega li hi t-tifsira korretta tal-punt ta' liġi identifikat.***
>
> *(2) Bla ħsara għal dak li hemm speċifikament provdut fl-artikolu 6 tat-Taqsima B tar-Raba' Skeda, appell għandu jsir fiżmien ħmistax-il ġurnata minn meta tiġi riċevuta d-deċiżjoni finali jew, jekk kien hemm xi proċess ta' arbitraġġ ta' appell jew reviżjoni, mid-data meta l-parti kienet notifikata bir-riżultat ta' dak il-proċess, jew meta l-proċess kien mod ieħor kompletat, jew minn meta jkun skada ż-żmien għalih.*
>
> *(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70(3), (4), (5) u (6) għandhom jgħoddu għal appelli magħmula taħt l-artikolu 70A.*

9. Għaldaqstant appell jista' jsir fuq **punt ta' liġi** biss, u għandu jsir fi żmien ħmistax-il jum min-notifika tad-deċiżjoni lill-partijiet.

10. Fil-każ in eżami d-deċiżjoni finali ingħatat fil-5 ta' Lulju 2013 u f'Awissu tal-2013. Minn dan ma sarx appell iżda fit-23 t' Awissu 2013 l-appellanti ippreżentat rikors *a tenur* tal-artikoli 48 u 49 tal-Kap. 387 li permezz tiegħu talbet għar-reviżjoni tal-*lodo* in kwantu allegat li kien hemm diversi żbalji ta' komputazzjoni u sabiex tingħata deċiżjoni addizzjonali dwar *claims* magħmula waqt il-proċeduri ta' arbitraġġ li tħallew barra mid-deċiżjoni. Sostanzjalment ilmentat li:

- id-dewmien ġustifikat minħabba riħ forza 7 u 8 kellu jiġi kkalkulat b'mod kumulattiv skont il-fażi tal-proġett li fiha waqgħu 'l ġranet ta' riħ;

- fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha irrilevat li kellha titnaqqas ġurnata dewmien fil-fażi tal-*excavation and piling* iżda l-*lodo* ma jagħmel l-ebda referenza għal dan il-punt;

- fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha irrilevat li fil-komputazzjoni tal-ġranet tad-dewmien kien hemm żball ieħor ta' jumejn fil-fażi tal-*excavation and piling* u jumejn fil-fażi tal-*ground floor* minħabba l-elezzjoni ġenerali, liema punt ġie omess fid-deċiżjoni arbitrali;

- l-Arbitri ma għamlu l-ebda referenza għall-5 ġranet xogħol żejjed fil-*critical path;*

- l-Arbitri ma għamlu l-ebda referenza għal-12-il ġurnata ta' *programming delays* fil-*critical path;*

- il-ġranet ta' *inclement weather* ma nġarrux minn fażi għall-oħra b'mod kumulattiv iżda minkejja x-xhieda ta' Edmond Bartolo, ma hemm l-ebda referenza għal dan fil-*lodo* arbitrali.

11. It-Tribunal tal-Arbitraġġ iddeċieda li t-talba għat-tibdil tal-5 ta' Lulju, 2013 u deċiżjoni addizzjonali hi bażata fuq raġunijiet mhux kontemplati fl-artikoli 48 u 49 tal-Kap. 387.

12. L-Att dwar l-Arbitraġġ ma jipprovdix għall-jedd ta' appell minn provvediment li jiċħad talba skont l-artikoli 48 u 49 tal-Kap. 387. Il-liġi tipprovdi għall-jedd ta' appell biss *"minn deċiżjoni finali"* tal-proċediment tal-arbitraġġ (ara artikolu 70A). F'dan il-każ it-talba għall-korrezzjoni u tibdil skont l-artikoli 48 u 49 kienu miċħuda. It-Tribunal ma laqax it-talba sabiex issir korrezzjoni skont l-artikolu 48 u lanqas it-talba sabiex tingħata deċiżjoni addizzjonali skont l-artikolu 49.

Għalhekk ma kien hemm l-ebda ordni ta' tibdil jew deċiżjoni addizzjonali. **Għaldaqstant, id-deċiżjoni finali hi dik li ngħatat fil-5 ta' Lulju, 2013**.

13. Skont l-artikolu 48 u 49 tal-Kap. 387:-

> '***48.(***1) *Fi żmien ħmistax-il jum minn meta taslilhom id-deċiżjoni, kull parti, wara li tagħti avviż ta' dan lill-parti l-oħra, tista' titlob lit-tribunal tal-arbitraġġ li jsewwi fid-deċiżjoni xi* ***żbalji ta' komputazzjoni, żbalji klerikali jew tipografiċi, jew żbalji oħra ta' dik l-għamla****. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' fi żmien tletin jum minn meta jgħarraf id-deċiżjoni tiegħu, jagħmel dawk it-tiswijiet minn jeddu.*
>
> *(2) Dawn it-tiswijiet għandhom isiru bil-miktub, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 44(2) sa (8) għandhom jgħoddu.*
>
> ***49.*** *(1) Fi żmien ħmistax-il jum wara li titwasslilhom id-deċiżjoni, kull parti, wara li tkun tat avviż lill-parti l-oħra, tista' titlob lit-tribunal tal-arbitraġġ li jagħti deċiżjoni addizzjonali dwar* ***<u>talbiet magħmula waqt il-proċedimenti arbitrali iżda li jkunu tħallew barra mid-deċiżjoni</u>****.*
>
> *(2) Jekk it-tribunal tal-arbitraġġ iqis it-talba għal deċiżjoni addizzjonali bħala waħda ġustifikata u jqis li l-ommissjoni tkun tista' tissewwa mingħajr il-ħtieġa ta' ebda smigħ jew prova oħra, it-tribunal għandu jiffinalizza d-deċiżjoni tiegħu fi żmien ħamsa w erbgħin jum minn meta tasallu t-talba.*
>
> *(3) Meta tingħata deċiżjoni addizzjonali, d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 44(2) sa (8) għandhom jgħoddu.'*

14. Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-artikolu 48 it-Tribunal irrefera għall-artikolu 825 tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

> *'825.(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-qorti, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, li għandu jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra, milli tikkorrieġi b'digriet, f'kull żmien,* ***xi żball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza****.*
>
> *(2) Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkorreġi żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort' oħra minn dak li kif jidherċar riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fi żmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u f'dak il-każ, iż-żmien mogħti minn dan il-Kodiċi għall-appell mis-sentenza li tkun ġiet hekk ikkorreġġuta, jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-digriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni.'*

15. Għall-qorti l-ispirtu tal-artikolu 48 tal-Kap. 387 u l-artikolu 825 tal-Kap. 12 hu l-istess. L-artikolu 48 qiegħed jikkontempla biss sitwazzjoni fejn ikunu saru '***żbalji ta' komputazzjoni, żbalji klerikali jew tipografiċi, jew żbalji oħra ta' dik l-għamla***'.

16. Għal dak li jirrigwarda l-artikolu 49, il-qorti m'għandhiex x'iżżid mal-posizzjoni li ħadet fis-sens li l-liġi ma tipprovdix għall-appell minn digriet li bih it-tribunal jiċħad talba taħt l-artikolu 49 tal-Kap. 397.

17. Fil-fehma tal-Qorti l-iżbalji li jirreferi għalihom l-artikolu 48 huma tat-tip fejn, bażat fuq ir-raġunament li t-Tribunal tal-Arbitraġġ ikun ta fid-deċiżjoni, ikun sar żball fil-kalkoli jew ikun sar żball tal-pinna. Dik id-disposizzjoni m'hijiex tikkontempla sitwazzjoni fejn fil-lodo jkun sar żball ta' fatt bażat fuq il-provi li jkunu nġabru. L-ilmenti tal-appellanti mhuma xejn għall-konsiderazzjoni mill-ġdid ta' punti ta' fatt u li fil-fehma tal-appellanti kellhom iwasslu lit-Tribunal sabiex jikkonkludi li l-appellanti għandha jedd għall-ħlas iktar minn dak li ffissa t-Tribunal.

18. L-ewwel argument tal-appellanti fir-rikors għall-korrezzjoni tal-*lodo* jittratta dewmien li jsostnu li kien ġustifikat minħabba riħ forza 7 u 8. Tikkontendi li dan kellu jiġi kkalkulat <u>b'mod kumulattiv</u> skont il-fażi tal-proġett li fiha waqgħu 'l ġranet ta' riħ. Dak li tikkontendi l-appellanti m'għandu x'jaqsam xejn mal-iżbalji li jissemmew fl-artikolu 48. Il-metodu tal-kalkolu kien punt kontrovers u li t-Tribunal iddetermina f'paragrafu 4 tal-lodo. F'kull każ l-ilment tal-appellanti hu talba sabiex din il-qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid ta' provi. Eżerċizzju li ma jistax isir quddiem din il-qorti ġialadarba ma jeżistix dritt ta' appell fuq punti ta' fatt.

19. L-ilmenti l-oħra tal-appellanti li jissemmew f'paragrafu 10 ta' din is-sentenza huma kollha punti ta' fatt. L-appellanti tilmenta li t-Tribunal tal-Arbitraġġ skarta fatti li jirriżultaw mill-provi u li kellhom iwasslu biex il-ħlas dovut mill-appellata jkun iktar minn dak li ffissa t-Tribunal tal-Arbitraġġ. Sabiex tkun tista' tasal għal xi konklużjoni dwar dawk l-ilmenti, il-qorti bilfors trid tikkunsidra l-provi. Pero' f'arbitraġġ volontarju, kif inhu il-każ in eżami, dritt ta' appell hu biss fuq punt ta' liġi. Fir-rikors tal-appell l-appellanti lanqas ma semmiet x'inhu l-punt ta' liġi, u *"...t-tifsira li r-rikorrent jallega li hi t-tifsira korretta tal-punt ta' liġi identifikat"* (artikolu 70B tal-Kap. 387).

20. M'huwiex biżżejjed li l-appellanti tagħmel *sweeping statement* li l-appell qiegħed isir fuq punt ta' liġi (ara per eżempju fol. 7 tar-rikors tal-appell) u mbagħad ma tgħidx x'inhu l-punt ta' liġi u jagħti t-tifsira korretta tal-punt ta' liġi. L-ilmenti tal-appellanti jirreferu għall-provi u sabiex il-qorti tkun tista tikkunsidra l-aggravju bilfors ikollha tagħmel apprezzament ta' provi. Hekk per eżempju:-

    i. Dwar allegat dewmien li l-appellanti tqies li hu ġustifikat minħabba l-elezzjoni ġenerali li saret fit-8 ta' Marzu, 2008 l-appellanti ssostni li

kien hemm jumejn dewmien li għalihom kellu japplika l-metodu kumulattiv, *"... u allura jġorruhom minn fażi ta' xogħol għall-oħra"*. Issostni li l-periti Borg u Soler għamlu żball li ma inkludewhomx fil-fażi ta' Ground Floor u li *"Ma hemm l-ebda referenza għal dan il-punt fis-sentenza tal-Arbitri"*. Ilment li bih l-appellanti qegħda tistieden lill-qorti sabiex tagħmel apprezzament tal-provi, u li fih m'hemmx it-tip ta' punt ta' liġi kontemplat fl-artikolu 70A tal-Kap. 387.

ii. Dwar allegat dewmien ġustifikat minħabba xogħol żejjed, f'sub paragrafu (iv) ta' paragrafu 20 tar-rikors tal-appell l-appellanti għamlet riferenza għall-ħamest ijiem ġranet ta' xogħol żejda li tgħid li sar fil-*ground floor*, u li ssostni li l-perit Soler kien ikkunsidra bħala *'critical path'*. Żiedet tgħid li *"Ma hemm l-ebda riferenza għal dan fis-sentenza tal-Arbitri"*. Ilment ieħor li bih l-appellanti qegħda tistieden lil din il-qorti sabiex tagħmel apprezzament tal-provi. Hawn ukoll mhemmx it-tip ta' punt ta' liġi kontemplat fl-artikolu 70A tal-Kap.387.

iii. Dwar allegat dewmien ġustifikat minħabba temp ħażin, l-appellanti ssostni li hemm numru ta' ġranet meta kien maltemp u dawk il-ġranet *"... kellhom jiżdiedu b'mod kumulattiv għaliex ġranet ta' 'persistent rains' ċertament li fixklu l-programm tax-xogħol"*. Kompliet li fl-atti hemm tabella (Dok. EB7) li ppreżenta Edmond Bartolo li skont l-appellanti *"... turi l-mod kif il-periti kienu kkomputaw il-ġranet tal-inclement weather, u kif suppost kellhom jiġu kkomputati b'mod kumulattiv"*. Żiedet li *"Ma hemm l-ebda riferenza għal dan fis-sentenza tal-Arbitri"*. Ilment ieħor bażat fuq il-provi u ma fihx it-tip ta' punt ta' liġi li skont il-Kap. 387 jista' jsir appell dwaru.

21. Mill-artikolu 70A hu ċar li fl-istadju tal-appell ma jistax isir apprezzament ta' provi. Il-fatti huma dawk li jiġu stabbiliti fid-deċiżjoni. Inoltre, mill-istess disposizzjoni hu wkoll ċar li l-appell irid ikun fuq punti ta' liġi li jrid ikun ġie deċiż mit-Tribunal tal-Arbitraġġ. Dan hu wkoll evidenti mill-artikolu 70B. Fil-każ in eżami m'hemm xejn minn dan.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanti.**

Anthony Ellul.